ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IS-SEBA' SENA IL-MALTI (L-ORALI) IL-ĦIN: 10 minuti

IL-KARTA TAL-ISTUDENT (KARTA 1)

1A: Il-Qari Mgħajjat 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

*Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra **parti** minn din **is-silta**. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.*

Is-silta: L-importanza u l-Użu taċ-Ċinga tal-Klieb

Kull min għandu kelb, kulħadd jinduna kemm il-kelb jieħu gost jiġri liberament u mingħajr ebda restrizzjoni bħalma hija ċ-ċinga. Madanakollu, wieħed tajjeb ikun jaf, illi hawn Malta l-użu taċ-ċinga f'postijiet pubbliċi huwa obbligatorju bil-liġi. Intant, l-Att dwar il-klieb (Kap. 312) jispjega sabiex il-klieb ikunu taħt il-kontroll ta' sidhom f'kull ħin. (par. 1)

Ikun hemm min ma jaqbilx li kelb għandu jinżamm il-ħin kollu biċ-ċinga f'post pubbliku, bħal pereżempju f'xi ġnien pubbliku. Hawn min jaħseb ukoll illi meta kelb ikun mingħajr ċinga, dan m'għandu ebda perikli. Min-naħa l-oħra, wieħed irid jiftakar illi l-liġi qiegħda hemm ukoll bil-ħsieb sabiex ikunu evitati xi inċidenti. (par. 2)

Ħafna nies li jħobbu l-annimali, jaħsbu li għandhom iħallu l-kelb tagħhom barra fil-pubbliku mingħajr ċinga, u jkun hemm min jaħseb u jirraġuna u jgħid, imma:

- il-kelb tiegħi jieħu gost ikun mingħajr iċ-ċinga u joqgħod jiġri;
- il-kelb tiegħi taf kemm hu kwiet u fidil;
- il-kelb tiegħi qatt ma gidem lil ħadd;
- il-kelb tiegħi taf kemm jobdi;
- il-kelb tiegħi, jekk jara kelb ieħor jieħu gost imur jilgħab miegħu;
- m'hawnx wisq fejn tieħu l-kelb tiegħek biex ikun jista' joqgħod jiġri. (par. 3)

Madanakollu, ġieli ħsibt x'jistgħu jkunu r-riskji meta tħalli l-kelb tiegħek mingħajr iċ-ċinga f'post pubbliku? Hemm numru ta' fatturi li ħafna drabi, xi sidien tal-klieb, tant ikunu jħobbu l-annimal, illi jħallu l-kelb tagħhom fil-pubbliku mingħajr iċ-ċinga minkejja r-riskji għall-kelb kif ukoll għal nies oħra. (par. 4)

(Silta addattata minn *Nisġet Artna – Ħarifa 2021* ta' George Farrugia)

1B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni mal-eżaminatur. Tista' tikkwota mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. X'taħseb li huma r-riskji għall-klieb jekk ikunu bla ċinga?

2. Taħseb li n-nies iħossuhom aħjar jew agħar jekk il-klieb ikunu bla ċinga? Għaliex?

3. Taqbel li l-klieb għandu jkollhom iktar parks fejn ikunu jistgħu jiġru mingħajr ċinga fil-preżenza ta' sidhom? Għaliex?

4. Fl-ewwel paragrafu naraw differenza bejn dak li jħobbu l-klieb u l-liġi. Taqbel ma' din il-liġi? Għaliex?

5. X'tikkummenta dwar il-punti li hemm f'paragrafu tlieta?

1Ċ: It-Taħdit 4 minuti / 5 marki

Agħżel titlu bejn **A jew B.**

A. **Semmi xi vantaġġi / żvantaġġi li jkollok l-annimali d-dar.**

JEW

B. **Nagħmlu tajjeb li nieklu l-annimali jew prodotti oħra li nieħdu mill-annimali? Iddiskuti.**



Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

*Mal-eżaminatur ser tiddiskuti titlu **wieħed** minn dawn t'hawn fuq. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskursata. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-ħsibijiet tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.*

PAĠNA VOJTA